# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 9**

**Rikors numru 105/2017 LSO**

**Alfred u martu Mary Anne maghrufa bhala Miriam Farrugia**

**v.**

**Lucienne Muscat u Brian Portelli**

**PRELIMINARI:**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi l-konjuġi Farrugia mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza appellata u minflok tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tagħhom; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati.

2. Din il-Qorti rat is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta' Mejju 2019 li iddecidiet hekk:

> "Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames eccezzjoni, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni, it-tielet, u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati ghar-ragunijiet spjegati u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti."

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ikkunsidrat hekk:

> "Jirrizulta, li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-maisonette filpjan terran, esternament mhux ufficjalment immarkat binnumru sittax (16) formanti parti minn blokk numru erbgha fi triq San Pietru u San Pawl L-Isla. Jirrizulta wkoll, li l-intimati, bhala werrieta ta' Mary Portelli huma l-proprjetarji talmaisonette immarkat numru hmistax (15) fi blokk numru erbgha fil-korp tal-bini tal-Gvern, Triq il-Vitorja l-Isla. Jirrizulta mill-provi u mill-atti tal-kaz, li wara li r-rikorrent interpella lill-intimati biex inehhu l-hbula, nehhihom minn jeddu. In segwitu, il-Pulizija pprocedew kontrih permezz ta' kaz tar-raggion fattasi, liema sentenza hija esebita a fol 77-79. Sussegwentement, fis-17 ta' Dicembru 2016, regghu twahhlu l-hbula. Ghalhekk, ir-rikorrenti procedew bil-kaz odjern.
>
> …
>
> "Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll ai termini tal-artikolu 535 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-element vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti. (i) Possedisse (ii) Spoliatum fuisse (iii) Infra bimestre deduxisse"

Wara li ezaminat kazistika relevanti l-ewwel Qorti ikkunsidrat hekk:

> "Applikati, dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li rrikorrenti qed jikkontendu li ghandhom il-pussess tal-arja ta' fuq il-bitha taghhom, kif jirrizulta mill-kuntratt ta' akkwist datat 2 ta' Dicembru 2013, Dok A. Illi jinsab indikat fl-istess kuntratt, li "l-fond jinkludi mieghu, bhala formanti parti integrali minnu, l-bitha retroposta." Jigi osservat, li hemm espressament imsemmi li l-appartament sovrapost ghal dan il-fond, ma ghandhom l-ebda dritt li jonxru 'l barra mill-gallariji tal-appartamenti relattivi u/jew b'mod li joqtor fil-bitha formanti parti integrali mill-fond.
>
> "F'dan il-kuntest, tajjeb jigi ritenut, kif ribadit fil-kaz Peter Sciberras et vs

Angelo Calleja et, (94/2003/1) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2007 li:

> "Hemm distinzjoni bejn il-kawzi possessorji, fosthom l-ispoll u dawk petitorji, in kwantu dawn tal-ahhar 'sono dirette ad accertare l'appartenenza o meno della proprieta` o di un diritto reale……Percio`, le azioni possessorie assicurano una tutela di carattere provvisorio: chi soccombe nel giudizio possessorio deve restituire la cosa, ma se e' titolare del diritto di proprieta' o di un diritto reale, potra` riaverla promuovendo gudizio petitorio, nel quale a per altro, l'onere ben grave di dimostrare il suo diritto."[1] Dan ghaliex lazzjonijiet possessorji ghandhom bhala l-fundament taghhom il-pussess ta' kwalunkwe xorta jkun u bhala objettiv taghhom it-tutela ta' dak il-pussess.

"Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li l-indagini f'dan il-kaz m'ghandhiex titratta d-dritt o meno li jitwahhlu l-hbula, izda trid tigi trattata u mistharrga biss il-kwistjoni tal-pussess.

"Difatti l-iskop ewlieni ta' azzjoni ta' din ix-xorta huwa radikat fuq esigenzi ta' utilita` socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, sabiex ikun imhares l-ordni pubbliku, sabiex jigi skansat id-dizordni civili, u sabiex jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-gustizzja b'idejh. Il-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat talpussess li jkun skonvolt jew turbat. (Ara Fenech vs Zammit, P.A. - 12 ta' April 1958; John Mifsud et vs John Giordmaina et, P.A.(3288/1996/1) (JZM) – deciza fit-23 ta' April 2012.

"Ghalhekk, huwa importanti li jigi sottolineat li f'azzjoni ta' spoll, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga dwar kwistjonijiet petitorji, izda irid jigi mistharreg u ppruvat biss l-element talpussess. Difatti, l-indagini tal-Qorti fil-kaz in materja hija limitata u skarna u l-ligi taghna ma taghti lok ghal ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Fil-kaz in ezami, iddettalji elenkati fil-kuntratti esebiti mhumiex ta' relevanza diretta ghall-vertenza. Di piu`, dak eccepit fil-hames eccezzjoni, kif ukoll fit-trattazzjoni, fejn gie sostnut, li dak indikat fil-kuntratt tal-akkwist tar-rikorrenti, hu res inter alios acta ghall-intimati, anke peress li l-Awtorita` tad-Djar kienet diga bieghet il-fond lill-intimati, mhuwiex relevanti. Dan qed jinghad, peress, li l-kuntratt ta' akkwist tar-rikorrenti hu datat 1 ta' Dicembru 2013, u l-kuntratt li bih Maria Portelli kienet akkwistat il-fond sovrapost kien datat 28 ta' Ottubru 2013.

"Dwar din il-hames eccezzjoni, din il-Qorti tqies li mhix ammissibbli f'kawza ta' spoll u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

"Jirrizulta, mir-ritratti esebiti, u mill-access li sar minn din ilQorti, li l-hbula tal-inxir qeghdin sovrastanti l-bitha tal-fond tar-rikorrenti u saret referenza ghall-injam fejn kienu ghaddejjin il-hbula precedenti.

[1] Manuale di Diritto Privato (Giuffre`) Milano 1968 – Andrea Torrente pag.349 par.212

"Il-pussess necessarju ghal din l-azzjoni, huwa "un possesso qualunque o detenzione". Hu dejjem necessarju li rrikorrenti jipprova li ghandu l-pussess materjali u di fatto. Illi r-rikorrenti bhala proprjetarji tal-fond u tal-bitha inkluza malistess fond ghandhom il-pussess tal-arja sovrastanti ghallbitha taghhom. Kif ritenut fil-kaz Gladys mart l-Imhallef Dottor Edoardo Magri et vs Alfred Baldacchino et, "huwa essenzjali……li l-allegat spoljat irid jipprova li kellu l-pussess materjali fil-mument li sar l-att turbattiv tal-pussess tieghu."

"Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta, li l-hbula mertu tal-kaz, kienu ilhom hemm ghal ghexieren ta' snin, meta kienet ghadha qed tirrisjedi fil-fond l-aventi causa tal-intimati, Mary Portelli, llum defunta. Dan il-fatt mhuwiex ikkontestat mir-rikorrent, fix-xhieda tieghu.

"Huwa minnu li sabiex ir-rikorrenti jirnexxu fl-azzjoni taghhom, jehtigilhom jippruvaw li gew vjolentement spussessati. Jirrizulta li meta Brian Portelli fis-17 ta' Dicembru 2016, rega' wahhal il-hbula tal-inxir, dan sehh sussegwentement ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati deciza fis-7 ta' Novembru 2016, fejn ir-rikorrent odjern gie misjub hati ta' ragion fattasi talli kien qata l-hbula. Dan il-fatt jinsab ammess tramite t-tielet eccezzjoni tal-istess intimati.

"Fit-tielet eccezzjoni, l-intimati qed isostnu li kienu proprju huma li sofrew spoll, ghalhekk bhala difiza huma rreagixxew u regghu wahhlu l-hbula tal-inxir, li kienu ilhom hemm precedentement. Ghaldaqstant jsostnu li japplika l-principju vim vi ripellere licet stante li regghu twahhlu l-hbula tal-inxir bhala reazzjoni ghall-fatt li kienu nqalghu mill-istess rikorrent.

"Id-difisa ta' Vim Vi Ripellere Licet

Illi kif inghad fil-kaz Joseph Baldacchino noe vs Frank Schembri et, (14/2009/1) deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011:

"Il-pussessur li jkun qed jigi spussessat vjolentement ghandu d-dritt li jiddefendi bhala reazzjoni immedjata ghallvjolenza uzata kontra tieghu. 'Mentre dura l'offesa (in continenti) di fronte cioe` a colui che vuole violentemente sottrarne il bene al possessore, questo puo' agire direttamente, esercitando una legittima difesa. (vim vi ripellere licet). Ma se non c'e l'immediatezza, il possessore che difendesse il suo 'ius possessionis' agendo personalmente incorrerebbe nel reato di ragion fattasi." (Istituzione di Diritto Civile, Alberto Trabucchi).

"Fil-kaz Pietru Camilleri et vs Michael Portelli et, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019, inghad li:

> "Naturalment din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun gustifikata (Ara wkoll Pellegrini Petit vs Sammut, deciz fis-16 ta' Jannar 1920 u Sammut vs Sammut deciza mill Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

"Il-Qorti tkompli billi tghid:

> "……l-eccezzjoni tal-vim vir repellere licet tista' tinghata biss meta l-azzjoni difensiva ssir 'confestim jew in continenti 'u mhux 'ex intervallo'(Vol XL I pt II p 846)."

"Il-Qorti tal-Appell f'dan il-kaz kompliet tfisser il-kuncett ta' immedjatezza f'dan il-kuntest:

> "mill-banda l-ohra l-immedjatezza li trid il-ligi ma tistax u ma ghandhiex tigi ekwiparata mar-reazzjoni kontemporanja mal-agir spoljattiv li bih l-attur uzurpa l-pussess tal-konvenut u jakkwistah a skapitu tieghu. Interpretazzjoni rigida bhal din twassal ghal sitwazzjoni assurda jekk mhux ukoll provokatorja ghall-konfront fiziku vjolenti bejn min kien ikun qieghed jikkontesta l-istess dritt ghax tipprovoka konfrontazzjoni fizika mmedjata f'sitwazzjoni spiss esplossiva....".
>
> "nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e defendere colle forza il possesso ne di ricuperare eziando colla forza il possesso perfetto della violenza perduta; l' unica condizione che viene richiesta al riguardo si e` che la forza si impieghi 'confestim o in continenti non ex intervallo'. Se non che quando si dice 'confestim' non va gia Intesa la parola in senso assoluto e strettamente literale bensi in senso relattivo ed a seconda delle circostanze da apprezzarsi della prudenza del judice." (Vol. XXIX pt.1 p 281)."

"Il-Qorti ser tabbraccja din l-interpretazzjoni li hija assodata fil-gurisprudenza taghna.

"Fil-kaz in ezami, il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' ragion fattasi gew decizi fis-7 ta' Novembru 2016. Kien sussegwentement ghal din id-decizjoni, fis-17 ta' Dicembru 2016, li Brian Muscat rega' wahhal il-hbula. Ghalhekk, irreazzjoni tal-intimat, ghalkemm mhux wahda kontemporanja jew instantanea, fl-isfond kollu tal-kaz, ragonevolment ghandha titqies bhala reazzjoni ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Din il-Qorti tqis li z-zmien li fih regghu twahhlu lhbula jista' jitqies li kien ragonevoli, meta jigu meqjusa nnumru ta' snin kemm kienu ilhom hemm in situ il-hbula precedentement.

"Ghalhekk, il-principju ta' vim vi ripellere licet japplika ghallkaz odjern.

"Fid-dawl ta' dan, tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati u kwindi tichad it-talbiet dedotti.

"Rigward ir-raba' eccezzjoni, din il-Qorti qed tillimita lgudizzju taghha u tilqa' l-istess biss fuq il-pussess li kien vigenti fiz-zmien tal-agir agir tar-rikorrent billi kull gudizzju ulterjuri jesorbita mill-indagni konsentita bin-natura ta' din l-azzjoni."

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-atturi Farrugia (19.06.2019):</u>**

3. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

(i) **<u>L-ewwel aggravju</u>** – dwar l-eċċezzjoni tal-*vim vi repellere licet (eċċezzjoni nru 3)*

Fl-ewwel lok jilmentaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tad-difiża tal-*vim vi repellere licet* li wasslet għal applikazzjoni ħażina ta' dan il-kunċett legali. Isostnu li l-kalkolu taż-żmien għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-difiża tal-*vim vi repellere licet* kellu jkun mill-<u>1 ta' Ġunju 2016</u> (meta huma – l-atturi – qalgħu il-ħbula tal-inxir tal-konvenuti) u mhux mis-<u>7 ta' Novembru 2016</u> (meta inqatgħet il-kawża kriminali tar-*ragion fattasi* kontra l-attur). Fi kwalunkwe każ jikkummentaw li anke kieku in pessima ipotesi għalihom kellu jitqies li l-konvenuti kellhom jistennew l-eżitu tal-kawża kriminali biex jerġgħu iwaħħlu l-ħbula tal-inxir, xorta jiġi li sas-<u>17 ta' Diċembru 2016</u> kien għadda żmien sostanzjali (40 jum).

(ii) **<u>It-tieni aggravju</u>** – dwar l-eċċezzjoni li l-ħbula kienu ilhom

hemm *(eċċezzjoni nru 4)*

Fit-tieni lok jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni. (L-ewwel Qorti spjegat li kienet qed tilqa' r-raba' eċċezzjoni biss fuq il-pussess li kien viġenti fi żmien tal-aġir tal-attur). Huma jargumentaw illi l-uniku indaġini li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien dwar il-pussess tal-arja libera tagħhom (l-atturi) li ġiet vjolentement turbata mill-konvenuti; u jenfasizzaw li l-indaġini dwar il-pussess tal-ħbula tal-inxir li jgħidu li kellhom il-konvenuti qabel ma dawn ġew imneħħija minnhom (l-atturi) hija għal kollox barra mill-iskop tat-talbiet kif impostati fir-rikors promutur.

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuti appellati (26.07.2019):**

4. Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kollha kontra l-atturi appellanti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

5. Mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatti:

- Fit-28.10.2013 Mary Portelli (li tiġi omm il-konvenuti Lucienne

Muscat u Brian Portelli) xtrat il-*maisonette* nru 15 f'Block 4 f'korp tal-Bini tal-Gvern, Triq San Pietru u San Pawl, Isla, liema *maisonette* oriġinarjament kien ukoll mikri lilha mingħand l-Awtorita` tad-Djar.

- Fit-02.12.2013 l-atturi xtraw il-*maisonette* nru 16 f'Block 4, f'korp tal-bini tal-Gvern,Triq San Pietru u San Pawl, Isla, inkluż bitħa retroposta, liema maisonette oriġinarjament kien ukoll mikri lilhom mingħand l-Awtorita` tad-Djar.

- Il-*maisonette* nru 15 jiġi sovrastanti l-*maisonette* nru 16.

- Il-*maisonette* nru 15 kellu ħbula tal-inxir imqabbdin fuq l-injamiet taħt it-twieqi li jagħtu għal fuq il-bitħa tal-*maisonette* nru 16.

- Skont il-konvenuti dawn il-ħbula kienu ilhom hemm għal għexieren ta' snin, sa minn meta l-fond kien mikri lil nannithom qabel ommhom.

- Skont l-atturi kienu jilmentaw ma' Mary Portelli dwar il-ħbula li kellha jagħtu għal fuq il-bitħa tagħhom iżda hija kienet tippersisti u qatt ma neħħiethom.

- Fil-15.10.2015 mietet Mary Portelli u l-konvenuti wirtu mingħandha l-*maisonette* nru 15.

- Fl-01.06.2016 il-konvenuti għamlu rapport mal-Pulizija wara li kienu sabu l-ħbula u l-anelli tal-inxir neqsin, u l-injamiet li magħhom kienu marbuta l-ħbula u l-anelli, issegati. (Fir-rapport, bħala data tal-inċident ma ġietx indikata ġurnata preċiża iżda ġie indikat perjodu ta' xahrejn: mill-01.04.2016 sal-01.06.2016.)

- Fis-07.11.2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-attur Alfred Farrugia ħati ta' ħsara volontarja u ta' *ragion fattasi* u ikkundannatu multa ta' €200.

- Fis-17.12.2016 il-konvenuti reġgħu waħħlu l-ħbula tal-inxir, din id-darba b'mod iktar sod, peress li l-ħbula u l-anelli issa ġew imqabbdin ma' *brackets* tal-ħadid flok mal-injamiet; dakinhar stess l-attur għamel rapport l-għassa tal-Pulizijia.

6. Għalkemm wara l-mewt ta' Mary Portelli l-konvenuti ħallew il-*maisonette* nru 15 inabitat, huma xorta waħda kellhom il-pussess tiegħu u daqstant ieħor kellhom il-pussess tal-apparat tal-inxir (ħbula, anelli u injamiet) li jagħti għal fuq il-bitħa tal-*maisonette* nru 16 tal-atturi. Għalhekk meta l-atturi qalgħu l-apparat tal-inxir tal-

konvenuti, dan kien aġir spoljattiv da parti tagħhom fil-konfront tal-konvenuti. Il-konvenuti indunaw b'dan l-aġir spoljattiv da parti tal-atturi fl-1 ta' Ġunju 2016 u dakinhar stess għamlu rapport l-għassa tal-pulizija. Evidentement ma kinux jafu meta fil-fatt seħħ dan l-aġir spoljattiv għaliex meta għamlu r-rapport indikaw perjodu ta' xahrejn (bejn l-1 ta' April 2016 u l-1 ta' Ġunju 2016) li fih seta' seħħ l-inċident rappurtat minnhom. Il-konvenuti ma fetħu l-ebda kawża ta' spoll kontra l-atturi.

7. Imbagħad fis-17 ta' Diċembru 2016, cioe` wara sitt xhur u nofs minn meta kienu għamlu r-rapport l-għassa, il-konvenuti waħħlu *brackets* tal-ħadid fejn kien hemm l-injamijiet li kienu qalgħu l-atturi, u ma' tali *brackets* għamlu l-ħbula tal-inxir. Huma eċċipew li ladarba dan għamluh bħala "reazzjoni" għall-ispoll kommess fl-ewwel lok mill-atturi, japplika l-prinċipju tal-*vim vi repellere licet*, u l-ewwel Qorti tathom raġun. Minkejja li irrikonoxxiet li l-aġir tal-konvenuti ma kienx kontemporanju jew instantanju għall-aġir tal-atturi, dehrilha li kellu jikkwalifika bħala reazzjoni għall-aġir tal-atturi ai termini tal-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* wara li qieset li l-ħbula twaħħlu mill-konvenuti:

(i) bħala reazzjoni għas-sentenza tal-Qorti tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Novembru 2016; u

(ii) fi żmien raġonevoli minn tali sentenza (40 jum) meta wieħed

jikkunsidra li l-ħbula oriġinali kien ilhom imwaħħlin *in situ* għal numru ta' snin.

8. Fil-fehma ta' din il-Qorti għandhom raġun l-atturi appellanti jħossuhom aggravati b'din id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Minkejja li għamlet rassenja ta' ġurisprudenza rigwardanti il-kunċett legali tal-*vim vi repellere licet*, hija imbagħad għamlet applikazzjoni kompletament skorretta ta' dan il-kunċett għaċ-ċirkostanzi odjerni.

9. Il-ġurisprudenza tgħallem li pussessur li jkun ġie vjolentement spussessat mit-tgawdija tiegħu tal-ħaġa huwa ġustifikat jirreaġixxi bi vjolenza biex jerġa' jieħu l-pussess li tteħidlu, diment li tali reazzjoni tkun waħda immedjata għall-ispussess. Issa fil-każ in kwistjoni il-vjolenza għamluha l-atturi meta dawn spoljaw lill-konvenuti mill-pussess li kellhom tal-apparat tal-inxir. Kull azzjoni li setgħu leġittimament ħadu l-konvenuti abbażi tal-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* kellha għalhekk tkun marbuta mal-inċident innifsu tat-tneħħija tal-apparat tal-inxir da parti tal-atturi, u mhux mal-eżitu tal-kawża kriminali dwar tali inċident, li hija għal kollox irrilevanti f'dan ir-rigward. Il-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar iż-żmien li għadda bejn is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u t-twaħħil mill-ġdid tal-apparat tal-inxir (40 jum) huma għal kollox irrilevanti, kif inhuma daqstant ieħor irrilevanti l-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ammont ta' snin li kienu ilhom imwaħħlin il-ħbula oriġinali.

10. Dak li kellha tqis l-ewwel qorti għall-finijiet tad-difiża tal-*vim vi repellere licet* kien il-perjodu ta' żmien li għadda minn meta l-atturi qalgħu l-apparat tal-inxir sakemm il-konvenuti reġgħu waħħlu apparat ieħor tal-inxir. L-aġir vjolenti tal-konvenuti, wara intervall ta' iktar minn sitt xhur minn meta seħħ l-aġir vjolenti tal-atturi fil-konfront tagħhom, ċertament li ma jistax jitqies bħala "reazzjoni immedjata", b'mod li jista' jiġi skużat bħala każ ta' *vim vi repellere licet.* Veru li fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019 fil-kawża fl-ismijiet Pietru Camilleri et v. Michael Portelli et (u ċitata mill-ewwel Qorti) ġie insenjat li l-kunċett tal-immedjatezza ma għandux jiġi interpretat b'mod riġidu, iżda dan lanqas ma jfisser li allura wieħed jista' jistenna numru ta' xhur biex jirreaġixxi bi vjolenza għal vjolenza subita fuqu. It-twaħħil mill-ġdid tal-apparat tal-inxir mill-konvenuti ċertament li ma sarx *eodem contextu* għall-ispoll kommess mill-atturi u għalhekk għandu jitqies bħala episodju ġdid ta' spoll, din id-darba da parti tal-konvenuti fil-konfront tal-atturi.

11. Finalment, għandu jingħad li huwa kompletament infondat l-argument li jagħmlu l-konvenuti fir-riposta tal-appell tagħhom meta jgħidu li r-raġuni għaliex huma damu biex waħħlu l-apparat tal-inxir kien proprju għaliex qagħdu jistennew l-eżitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, sabiex ma jkunx ġie li ħadu l-liġi b'idejhom. Fl-ewwel lok is-sejbien ta' ħtija fil-proċeduri kriminali kontra l-attur ma jissarrafx f'awtorizzazzjoni biex il-

konvenuti jerġgħu iwaħħlu apparat tal-inxir flok dak li kien qalagħlhom l-attur; is-sejbien ta' ħtija fil-proċeduri kriminali kontra l-attur ma kinitx ser tirrendi l-awtointegrazzjoni tal-pussess da parti tal-konvenuti inqas vjolenti. Fit-tieni lok, il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* eċċepit minnhom jikkontempla proprju s-sitwazzjoni fejn persuna hija ġustifikata taġixxi vjolentement, fejn persuna hija ġustifikata tieħu l-liġi b'idejha; għalhekk huwa kontro-sens li l-konvenuti jissollevaw tali difiża u fl-istess nifs jargumentaw li biex ma jeħdux il-liġi b'idejhom qagħdu jistennew l-eżitu tal-proċeduri kriminali.

12. Ikkunsidrat dan kollu isegwi li t-tielet eċċezzjoni (dwar id-difiża tal-*vim vi repellere licet*) ma kellhiex tintlaqa' mill-ewwel Qorti u allura l-ewwel aggravju tal-atturi fir-rigward huwa ampjament fondat.

13. Ir-raba' eċċezzjoni (li l-konvenuti u/jew l-awturi tagħhom kienu ilhom jeżerċitaw pussess fuq il-ħbula għal iktar minn sittin sena) hija intrinsikament marbuta mad-difiża tal-*vim vi repellere licet* eċċepita fit-tielet eċċezzjoni, u ladarba qed jirriżulta li din it-tielet eċċezzjoni ma kellhiex tintlaqa', isegwi li r-raba' eċċezzjoni hija irrilevanti. Konsegwentement it-tieni aggravju tal-atturi huwa ukoll fondat.

14. Stabbilit għalhekk li t-twaħħil mill-ġdid tal-apparat tal-inxir mill-konvenuti fis-17 ta' Diċembru 2016 ma jistax jitqies bħala każ ta' *vim vi*

*repellere licet* iżda huwa aġir spoljattiv fil-konfront tal-atturi, u meqjus li l-kawża ġiet intavolata fit-3 ta' Frar 2017 (cioe` entro x-xahrejn) jirriżulta li hemm l-elementi kollha biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll tal-atturi.

**<u>Decide</u>**

15. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-atturi u:

- tħassar is-sentenza appellata ħlief fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni;

- tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet;

- tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' eċċezzjoni;

- tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-konvenuti ikkommettew spoll fil-konfront tal-atturi meta' reġgħu waħħlu l-apparat tal-inxir;

- tilqa' t-tieni talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti biex fi żmien **ġimgħa** mid-data tas-sentenza jaqilgħu l-apparat tal-inxir mertu ta' din il-kawża;

- tilqa' t-tielet talba tal-atturi u tawtorizza lill-atturi biex fin-nuqqas jaqilgħu l-apparat tal-inxir huma stess, a spejjeż tal-istess konvenuti.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr